# INFORMATION SHEET

Azzjoni Kattolika Matija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
Website www.akmalta.og
E-mail infosheet@akmalta.org

**DIĊEMBRU 2009** **NUMRU 249**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!



*I*l-*P*residenza *Ġ*enerali,
*I*l-Membri *T*ad-*D*irettorju u d-*D*iriġenti *Ċ*entrali
jixtiequ jagħtu l-awguri sinċieri għall-Milied Qaddis
u s-Sena Ġdida mimlija riżq u barka lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekkleżjastiċi, lill-Membri kollha tal-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi, lill-Familja kbira tal-Morda u dawk b'Diżabilità, lill-Anzjani, b'mod speċjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar u lil kulħadd.

# MADWARNA



**Tindif tal-għalqa tal-Lega Ħamrum -** Grazzi mill-qalb lil dawk iż-żgħażagħ li b'tant determinazzjoni, minkejja t-tbatija fiżika, naddfu parti mdaqqsa mill-għalqa tal-Lega tal-Ħamrun. Baqa' ħafna xi jsir u għalhekk nħeġġeġ aktar żgħażagħ biex jagħtu s-sehem tagħhom meta jerġa' jsir l-appell. Inħeġġeġ lill-irġiel biex ma joqgħodux lura, jekk hawn xi rġiel li jistgħu jagħtu daqqa t'id ikellmuna.

**Tesserament fid-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar -** Tlettax-il membru taċ-Ċirkolu Madonna ta' Lourdes, anzjani residenti fid-Dar Familja Mqaddsa in-Naxxar, iċċelebraw iċ-Ċerimonja tal-Weghda tal-Impenn tagħhom. Dawn l-anzjani jiltaqgħu b'mod regolari kull ġimgħa u jimxu fuq il-programm imfasal mill-'Ħuġġieġa' waqt il-laqgħat tagħhom. Ta' min isemmi li numru sabiħ minnhom kienu preżenti ukoll għall-Assemblea Ġenerali.

**Abbonamenti fil-Ħuġġieġa u l-Leħen is-Sewwa** - Wasal dak iż-żmien tas-sena li fih iġġeddu l-abbonament tagħkom fil-Ħuġġieġa li minn fuqha tistgħu tagħmlu l-lezzjonijiet fiċ-ċirkoli. Infakkar ukoll biex iġġeddu l-abbonament tal-Leħen s-Sewwa. Kull membru tal-AKM għandu jkun abbonat f'dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet maħruġa mill-AKM, nħajjar biex min għad m'huwiex jieħu ħsieb**.**

**Elezzjonijiet tal-kumitati ġodda fiċ-Ċirkoli -** Bħal issa fiċ-ċirkoli għaddejjin bl-elezzjonijiet għall-għażla tal-kumitati. Nieħdu pjaċir nosservaw li għandna numru ta' membri li huma ġodda fil-kumitati kif ukoll Presidenti li telgħu għall-ewwel darba. It-taqlib u l-bidla fil-membri tal-kumitat jagħti ħajja ġdida liċ-ċirkolu biex ikompli jimxi 'l quddiem.

**Ċenaklu għad-Diriġenti -** Diriġenti responsabbli mit-tmexxija tal-Friegħi kollha tal-AKM kif ukoll numru sabiħ ta' *Leaders* minn *National Team* taż-ŻAK inġbarna madwar Ġesù Ewkaristija għal ftit mumenti ta' talb u kontemplazzjoni. F'atmosfera ta' ġabra u paċi f'komunjoni sħiħa bħala familja waħda tal-AKM waqafna ftit mill-ħafna ħidma tagħna biex permezz tat-talb nissaħħu biex inkunu nistgħu nkomplu naqdu l-missjoni li ġejna msejjħin naqdu.

**Ċelebrazzjoni Djoċesana tal-Festa ta' Kristu Re -** Numru sabiħ ta' membri tal-AKM mill-parroċċi mifruxa ma Malta kollha kienu preżenti għaċ-ċelebrazzjoni Djoċesana tal-Festa ta' Kristu Re bit-tema 'Miftuħin għal Alla, miftuħin għal ħutna'. Fil-kelmtejn tiegħu l-Arċisqof Eċċ. Mons Pawlu Cremona OP qal "Irridu nibnu dinja li tixbaħ ħafna lil dik li-qegħdin nistennew...paċi, ferħ, imħabba, preżenza ta' Sidna Ġesù Kristu'. Tajjeb li nirriflettu fuq dan id-diskors tal-Arċisqof. Tistgħu tisimgħu id-Diskors tal-Arċisqof fuq il-website tal-Arċidjoċesi - http://www.maltadiocese.org.

**Nominazzjoni Żagħżugħa tas-Sena 2009 -** Is-Sinjorina Sarah Caruana, President taż-ŻAK ġiet nominata għar-Rikonoxximent 'Żagħżugħ/a Tas-Sena 2009' organiżżat mill-Fondazzjoni OASI f'Għawdex. Nawgurawlha kull suċċess.

**Carmen Agius, President Ġenerali**

| Diċembru | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| L-Erbgħa 9 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni, Istitut Kattoliku fis-18:00 |
| Il-Ħadd 13 | Gruppi Koppji Miżżewġin | Irtir – Depiro Youth Centre – Rabat. Imexxi Fr Charles Cordina. Nagħmlu ħilitna biex nattendu u nippreparaw ruħna għal-festi tal-Milied. |
| It-Tnejn 14 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-18:00 Istitut Kattoliku, Floriana |
| It-Tlieta 15 | Fergħa Nisa | Ħarga Soċjali Romol u Ħbieb taċ-Ċirkoli kollha |
| Il-Ħamis 17 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9:30 kumitati taċ-Ċirkoli kollha |
| Il-Ħadd 20 | Fergħa Ż.A.K. | Support Group, ZAK house B'Kara fis-18:00. |
| It-Tnejn 21 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fil-17:30 - Wara Laqgħa Soċjali f'Sala Dandria fis-18:00 |
| It-Tnejn 28 | Fergħa Ż.A.K. | Colouring 2010 – Quddiesa u ħin flimkien biex nirringrazzjaw sena li spiċċat. |

| **Jannar 2010** | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 7 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30 |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00 |
| Is-Sibt 9 | Diriġenti kollha | Tesserament Ċentrali – diriġenti kollha. Sala Mons Gonzi fis-18:00 |

**Gruppi Koppji Miżżewġin – Awguri –** Il-Gruppi Koppji Miżżewġin jixtiequ ħafna ferħ, hena u mħabba, paċi u sliem lill-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika, lid-Diriġenti u lil imseħbin kollha. J'Alla dan il-Milied iġib ferħ speċjali lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba speċjalment dawk il-familji f'Malta u f'Għawdex li bħalissa għaddejjin minn żmien diffiċli, fejn hemm il-mard, u nuqqas ta' ftehim. Ġesù Bambin ibqa' magħna. Tħallina qatt inwarrbuk la mill-iskejjel u wisq inqas mid-djar tagħna. Għinna inżejnu ruħna bik biss u b'ħadd ħliefek. Għinna nifirħu u nġibu l-ferħ kullimkien u f'kulħadd u dan nistgħu nagħmluh bis-saħħa tiegħek. Ejjew inkunu l-kwiekeb li niddu speċjalment fejn hemm id-dlam. Innisslu t-tama fejn hemm il-qtigħ il-qalb, is-saħħa fejn hemm il-mard u l-qawwa fejn hemm id-dgħjufija. – Viva Ġesù Bambin.
**M'Anne u Anthony Sultana, Presidenti Koppji Miżżewġin**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

*Ikla tal-Milied Għad-Dawl tax-Xemgħa*
*Fid-Dar Familja Mqaddsa – Naxxar*
*Nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru fis-19:30*



## *MENU*

*Antipasto*
*Bigne' Tricolor*
*(Brioche with blue cheese and ricotta, Bigilla and Salmon Pate fillings)*

******

*Broccoli soup*

******

*Penne with chicken liver, artichoke hearts, olive oil, garlic and herbs*

******



*Chicken Breast stuffed with ham, Edam cheese and carrots*
*Served with roast potatoes and market fresh vegetables*
*Or*
*Acciola al Cartoccio*
*Served with roast potatoes and market fresh vegetables*



******

*Stuffed Pears in Red Wine Sauce with Toasted Almond Flakes*
*Or*
*Sinizza*

******

*Coffee*

*Price 19 Euros*
*Dress Code: Casual Smart* *Reservations 21438025, 21410015*



## SKOLA TAL-APPOSTOLAT

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009 fid-9:30.

f'Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana.

Wara Bibita Fis-Sala Dandria

## Ħinijiet Tal-Ftuħ Tas-Segreterija Tal-Azzjoni Kattolika fl-Istitut Kattoliku - Floriana matul il-Granet tal Milied:-



24 ta' Diċembru jiftaħ sas-13:00

31 ta' Diċembru jiftaħ sas-13:00

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TAL-AZZJONI KATTOLIKA

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u Laqgħa bejn il-Ħbieb

Il-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009

Bħal ma nagħmlu ta' kull sena fi żmien il-festi tal-Milied u l-bidu tas-sena l-ġdida, din is-sena wkoll, se norganizzaw Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u laqgħa bejn il-ħbieb u l-familjari sabiex, filwaqt li nirringrazzjaw lil Alla għall għajnuna tiegħu matul is-sena li għaddiet, niltaqgħu ftit bejnietna u nawguraw l-isbaħ xewqat lil xulxin.

Il-Quddiesa se noffruha b'suffraġju għal ruħ Josephine Felice li tant ħadmet fis-SAS u fl-Azzjoni Kattolika.

Din il-laqgħa se ssir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009 fis-18:00 fis-Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana.

### Kalendarju b'informazzjoni u Ħidma li qed titwettaq mis-S.A.S.

Għadu kif ħareġ il-Kalendarju S.A.S. għas-Sena 2010 b'informazzjoni, programm u ħidma li qed titwettaq mill-istess S.A.S. ma' ħutna fil-bżonn. Min jixtieq aktar kopji ta' dan il-kalendarju jista' jċempel l-uffiċċju Ċentrali Tel 21220286.

### Ħtieġa Ta' Driver P/T Casual

Is-Segretarjat Assistenza Soċjali se jilqa' applikazzjonijiet għal post ta' driver b'liċenzja D1 biex jaħdem fuq bażi każwali – Iktbu lis-SAS, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441.



## Servizz bil-Minibuses

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom u bbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-Mobile No:- 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' difficultà ċemplu l-Uffiċċju SAS : 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Dan il-Programm iddedikat lill-Morda u Persuni b'diżabilità,

u ppreżentat mill-Kummissjoni tagħna fuq Radju Malta qed jinstema' kull nhar ta'

Ħadd fis-19:15.

Id-Dati għax-xahar ta' Diċembru huma :- 6, 13, 20, 27.

***Awguri***

L-Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità jagħtu l-isbaħ xewqat ta' Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija b'kull barka lill-benefatturi kollha u b'mod speċjali lill-Morda u Persuni b'Diżabilità ta' Malta u Għawdex.

## Tesserament Ċentrali



Is-Sibt 9 ta' Jannar 2010

fis-18:00

Sala Mons Gonzi Istitut Kattoliku, Floriana

NIBDEW B'QUDDIESA LI FIHA ISIR IT-TESSERAMENT Tad-DIRIĠENTI ĊENTRALI

WARA NAQSMU FLIMKIEN IX-XEWQAT TAJBA GĦAS-SENA L-ĠDIDA

# Tagħna t-Tfal



Azzjoni Kattolika Maltija, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441
Tel: 21237031- E-mail: taghnatfal@gmail.com

## Għadek ma abbonajtx fil-gazzetta Tagħna t-Tfal?




# Tista' tabbona issa!

**Abbonament għad-9 ħarġiet ta' din is-sena skolastika huwa ta' €4. Jekk tixtieq li tirċievi l-gazzetta kull xahar bil-posta tħallas €6.50.**



Imla l-informazzjoni ta' hawn taħt u ibgħatha lil:
**Azzjoni Kattolika Maltija, Attn: Ms Helma Vella, Istitut Kattoliku, Floriana FRN 1441**, flimkien mal-ħlas.
Il-ħlas jista' jsir b'ċekk pagabbli lil 'Tagħna t-Tfal' jew tista' tmur direttament fil-*Bookshop* tal-Azzjoni Kattolika, l-Istitut Kattoliku u tħallas hemmhekk.

ABBONAMENT GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2009-2010
TAL-GAZZETTA **TAGĦNA T-TFAL**

**Isem u Kunjom:**....................................
**Indirizz:**..........................................
.......................................................
**Numru tat-telefon u imejl:**............................

**Immarka fejn japplika għalik:**
- ☐ Nixtieq niġbor il-gazzetta kull xahar mill-*Bookshop* tal-A.K.
- ☐ Nixtieq li nirċievi l-gazzetta bil-posta fl-indirizz ta' hawn fuq.

Din l-informazzjoni hija kunfidenzjali u mhux se tingħata lil terzi persuni.



## TINSIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK FIL-HUĠĠIEĠA U LEĦEN IS-SEWWA



**GĦALHEKK AGĦTI RIGAL SPEĊJALI DAN IL-MILIED U ABBONNA L-ĦBIEB U L-QRABA TIEGĦEK UKOLL!!!!**

**Ħuġġieġa mill-bookshop – € 5.50**
**Ħuġġieġa bil-posta – € 6.00**
**Leħen is-Sewwa bil-posta – € 20.00**

**Abbona issa billi timla' l-formola ta' hawn taħt u ibagħtha flimkien ma' ċekk indirizzat lil Ms Helma Vella, Librerija Azzjoni Kattolika, Azzjoni Kattolika Maltija, Istitut Kattoliku, Floriana, FRN 1441 sal-15 ta' Diċembru 2009.**

**Qiegħed/a nibgħat l-ammont ta' € .......... ħlas tal-abbonament fil-Ħuġġieġa/Leħen is-Sewwa**

**Isem u Kunjom ........................................................................................................**

**Indirizz ..................................................................................................................**

**Kodiċi Postali Ġdid ..............   Nru Tel/Mobile: ........................................................**

**Email .....................................................................................................................**



**☗ Qiegħed/a nibgħat l-ammont ta' € ......... għax nixtieq nagħti l-abbonament fil-Ħuġġieġa/Leħen is-Sewwa bħala rigal lil:**

**Isem u Kunjom ........................................................................................**

**Indirizz ..................................................................................................................**

**Kodiċi Postali Ġdid .............. Email..................................................................**






## Librerija tal-Azzjoni Kattolika

***Trid tagħti rigal b'differenza dan il-Milied?***
***Post wieħed għandek tmur -***
***fil-Librerija tal-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku – Floriana***

***Wieħed isib:***
***Kull tip ta' kotba relġijużi bil-Malti u bl-Ingliż għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.***







***Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO''.***
***Jistg]u jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.***

***Ħinijiet tal-ftuħ :***
***Matul il-ġimgħa - mid-9:00 sa 12:00 u mill-16:00 sas-19:30***
***Is-Sibt - mid-9:00 sa 12:00***





***Tel: 21 237031***

***Għalhekk dan il-Milied ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.***